# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru 2020**

**Rikors Numru 1095/15 FDP**

Fl-ismijiet

**Vella Falzon Building Supplies Limited**
**(C 27707)**

**Vs**

**Dione Zahra (ID 470986M) eżerċjenti l-kummerċ taħt l-isem 'Solergia'**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 19 ta' Novembru 2015, li permezz tiegħu s-soċjetà rikorrenti talbet s-segwenti:

    1. *Illi bejn Mejju tas-sena 2014 u Settembru tas-sena 2015, is-soċjeta' rikorrenti biegħet u kkonsenjat diversi materjali lill-intimat, Dione Zahra, in kwantu eżerċitanti l-kummerċ taħt l-isem "Solergia";*

    2. *Illi l-prezz ta' dawn il-materjali dovut lis-soċjeta' rikorrenti mill-intimat huwa ta' tnejn u għoxrin elf disa' mija u sitta u sittin euro u tletin ċenteżmu (€22,966.30) u dan kif jirriżulta mir-rendikont relattiv datat 25 ta' Settembru 2015 li qiegħed jiġi anness u mmarkat bħala "Dokument VFBS";*

    3. *Illi għalkemm interpellat diversi drabi sabiex iħallas l-ammont dovut, anke permezz tal-ittra uffiċjali datata 6 ta' Ottubru 2010 bin-numru 199/2015, l-intimat baqa' inadempjenti;*

4. *Illi s-soċjeta' rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment;*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi kif ukoll dawk illi ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, is-soċjeta' esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat, Dione Zahra, huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' tnejn u għoxrin elf disa' mija u sitta u sittin euro u tletin ċenteżmu (€22,966.30) oltre l-imgħax legali bl-ogħla rata permessa fil-Liġi skond il-Kodiċi tal-Kummerċ sad-data tal-pagament effettiv, rappreżentanti prezz ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lill-intimat in kwantu eżerċitanti l-kummerċ taħt l-isem "Solergia";*

2. *Konsegwentement tikkundanna lill-intimat, Dione Zahra, sabiex iħallas lis-soċjeta' rikorrenti is-somma ta' tnejn u għoxrin elf disa' mija u sitta u sittin euro u tletin ċenteżmu (€22,966.30) oltre l-imgħax legali bl-ogħla rata permessa fil-Liġi skond il-Kodiċi tal-Kummerċ sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 199/2015 ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1665/2015 ippreżentati fis-6 ta' Ottubru 2015 u fit-23 ta' Ottubru 2015 rispettivament kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi, fl-4 ta' Jannar 2016, l-intimat laqa' għal dak miltub billi qajjem is-segwenti difiżi:

   1. *Illi fl-ewwel lok, mill-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi għandhom jonqsu s-somma ta' EUR 74.34 u EUR 106.20 rappreżentanti credit notes li ħarġet l-istess soċjetà attriċi bin-numri 012449 u 012448 rispettivament (kopji annessi u mmarkati Dok A u Dok B)*

   2. *Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda stante li hija s-soċjetà attriċi li għandha tagħti lill-eċċepjent għal diversi xogħolijiet u appalti li l-istess soċjetà attriċi kienet qabbdet lill-eċċepjent jagħmel fuq erba' proġetti separati u ċioe' fl-iskola primarja tas-Siġġiewi, fil-Magħtab għand il-Wasteserve, f'dar tas-Sliema u fl-Oncology Centre li hija għad fadlilha tħallsu tagħhom is-somma ta' sitta u għoxrin elf erba' mija u wieħed u ħamsin Ewro u tletin ċenteżmu (EUR 26,451.30) u allura somma ogħla minn dik li s-soċjetà attriċi qiegħda titlob permezz ta' din il-kawża;*

   3. *Illi għaldaqstant is-somma mitluba mis-soċjetà attriċi kif imnaqqsa bl-ammont tal-imsemmija credit notes għandha tpaċi ma' ammont ekwivalenti dovut lill-eċċepjent;*

   4. *Illi minħabba l-kawża tas-soċjetà attriċi u in vista tal-eċċezzjonijiet l-esponent eċċepjent qed jipprevalixxi ruħu minn din il-kawża u in linea ta' rikonvenzjoni u ai termini tal-Artikolu 396(b) tal-Kap 12 ta' Liġijiet ta' Malta qiegħed jippreżenta talba rikonvenzjonali kontestwalment;*

5. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi.*

3. Rat illi l-intimat, flimkien mar-risposta tiegħu, ressaq talba rikonvenzjonali, fejn talab is-segwenti:

1. *Illi bejn is-sena 2014 u 2011 l-esponent ngħata diversi appalti mis-soċjetà rikonvenzjonata biex jagħmel xogħolijiet ta' kisi, tibjid, madum, gypsum u finishing ieħor ta' immobbli;*

2. *Illi fil-fatt, hemm erba' proġetti separati li huma xogħolijiet fl-iskola primarja tas-Siġġiewi, xogħolijiet fil-Magħtab għand il-Wasteserve, xogħolijiet f'dar tas-Sliema u xogħolijiet fl-Oncology Centre u li tagħhom l-esponent għad fadallu jirċievi ħlasijiet mingħand is-soċjetà rikonvenzjonata;*

3. *Illi l-esponent ilu jitlob il-ħlas ta' dan ix-xogħol lis-soċjeta' rikonvenzjonata iżda din baqgħet inadempjenti u qiegħda tagħmel minn kollox biex ixxekkel lill-esponent milli jiġbor flusu għal dan ix-xogħol kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

4. *Illi effettivament, is-soċjetà rikonvenzjonata għad fadlilha tħallas is-somma ta' EUR 326.13 fuq il-proġett tal-iskola primarja tas-Siġġiewi (ara statement immarkat Dok C u 3 dokumenti annessi miegħu); għad fadlilha tħallas is-somma ta' EUR 8.746.42c fuq il-proġett tal-Wasteserve il-Magħtab (ara statement immarkat Dok D u 5 dokumenti annessi miegħu); għad fadlilha tħallas is-somma ta' EUR 9,986.83c fuq il-proġett tad-dar ta' Sean Muscat f'Tas-Sliema (ara statement immarkat Dok E u 5 dokumenti annessi miegħu); u finalment għad fadlilha tħallas is-somma ta' EUR 7,391.92c mill-ammont globali ta' EUR 12,891.92c fuq il-proġett tal-Oncology Centre (ara statement immarkata Dok F b'19-il dokument annessi miegħu);*

5. *Illi għaldaqstant, is-soċjetà rikonvenzjonata b'kollox għad fadlilha tħallas lill-esponent is-somma globali ta' EUR 26,451.30c, li huma l-bilanċi li jirriżultaw mill-imsemmija erba' proġetti;*

6. *Illi minkejja li s-soċjetà rikonvenzjonata taf li hija debitriċi tal-esponent, hija għaddiet biex fetħet kawża lill-esponent għall-ammont ta' EUR 22,966.30c; illi għaldaqstant l-esponent kien kostrett ukoll jippreżenta din it-talba rikonvenzjonali peress li l-ammont dovut lilu huwa superjuri għall-ammont li s-soċjetà rikonvenzjonata qiegħda titlob bil-kawża tagħha.*

7. *Illi dawn il-fatti, l-esponent jafhom personalment;*

*Għaldaqstant, tgħid is-soċjetà rikonvenzjonata għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:*

*1. Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjetà rikonvenzjonata hija debitriċi tal-esponent fir-rigward tal-bilanċi li għad fadal jitħallsu lilu fuq l-imsemmija erba' proġetti;*

*2. Tillikwida l-ammont dovut lill-esponent rappreżentanti l-bilanċi dovuti lilu fuq l-imsemmija erba' proġetti fis-somma ta' sitta u għoxrin elf erba' mija u wieħed u ħamsin Ewro u tletin ċenteżmu (EUR 26,451.30);*

*3. Tikkundanna u tordna lis-soċjetà rikonvenzjonata tħallas lill-esponent rikonvenjent l-ammonti hekk likwidati tenut kont tat-tpaċija bejn il-krediti rispettivi tal-partijiet.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tan-nota responsiva għall-ittra uffiċjali datata 30 ta' Ottubru 2015 bin-numru 199/15 u tal-mandati kawtelatorji u bl-imgħaxijiet bl-ogħla rata permessa mil-liġi skont il-Kodiċi tal-Kummerċ sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-soċjetà rikonvenzjonata li r-rappreżentanti u d-diretturi tagħha huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

4. Rat illi fis-27 ta' Jannar 2018, is-soċjeta' rikonvenzjonta Vella Falzon Building Supplies Limited irrispondiet għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

   1. *Illi-talbiet rikonvenzjonanti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jigu miċħuda u dan minħabba r-raġunijiet segwenti:*

   2. *Illi, fl-ewwel lok, ma hemm l-ebda bilanċ dovut lill-intimat rikonvenzjonant mis-soċjeta' eċċipjenti fir-rigward tax-xogħlijiet li saru fl-iskola primarja tas-Siġġiewi stante li l-prezz ta' dan ix-xogħol tħallas fl-intier tiegħu u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

   3. *Illi, fit-tieni lok, il-bilanċ pretiż mill-intimat rikonvenzjonant fir-rigward tax-xogħlijiet li saru fuq it-tliet proġetti l-oħra u ċioe' fuq il-proġett tal-Wasteserve il-Magħtab, fuq il-proġett tad-dar ta' Sean Muscat f'Tas-Sliema u fuq il-proġett tal-Oncology Centre huwa manifestament esaġerat u dan kif ser jirriżulta bl-iktar mod ampju waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

   4. *Illi għalhekk it-talbiet rikonvenzjonanti għandhom jiġu miċħuda stante li huwa l-intimat rikonvenzjonant li għandu jħallas lis-soċjeta' eċċipjenti u mhux vice-versa.*

   5. *Illi finalment, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, kwalsiasi ammont li jista' talvolta jiġi dikjarat minn din l-Onorabbli Qorti bħala dovut mis-soċjeta' eċċipjenti lill-intimat rikonvenzjonant għandu jpaċi mal-ammont ta' tnejn u għoxrin elf disa' mija u sitta u sittin euro u tletin ċenteżmu (€22,966.30) dovut mill-istess intimat rikonvenzjonant lis-soċjeta' eċċipjenti rappreżentanti l-prezz ta' diversi materjali mibjugħa u kkonsenjati lilu, kif spjegat iktar fid-dettall fir-rikors promotur odjern tas-soċjeta' eċċipjenti.*

   6. *Salv eċċezzjonijiet.*

   *Bl-ispejjeż kontra l-intimat rikonvenzjonant.*

5. Rat illi permezz ta' nota datata 21 ta' April 2016, l-intimat irriduċja t-talba rikonvenzjonali tiegħu għas-somma ta' ħamsa u għoxrin elf, tlett mija u disgħa u tmenin Euro u tletin ċenteżmu (€ 25.389.30). (fol 74)

6. Rat ix-xhieda ta' **Alexis Vella Falzon**, rappreżentant tas-soċjeta rikorrenti, mogħtija fid-19 ta' Mejju 2016 flimkien ma' dokumentazzjoni dwar dak mitlub.

7. Rat illi fit-3 ta' Ottubru 2013, is-soċjeta' rikorrenti ippreżentat nota fejn irriduċiet it-talba tagħha għas-somma ta' tnejn u għoxrin elf, sebgħa mija u ħamsa u tmenin Euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€22,785.76). (fol 93)

8. Rat illi fil-11 ta' Ottubru 2016, il-Qorti appuntat lill-Perit Marie Louise Caruana Galea sabiex "*jitkejjel ix-xogħol meritu tal-kawża, tistabilixxi valur ekwu fir-rigward u tisma' lill-partijiet fir-rigward*". (fol 94)

9. Rat l-affidavit ta' **Dione Zahra** ippreżentat fit-3 ta' Novembru 2016 flimkien ma' serje ta' dokumentazzjoni in sostenn ta' dak minnu pretiż. (fol 96)

10. Rat id-dokumentazzjoni ulterjuri ippreżentati minn Dione Zahra fl-10 ta' Ottubru 2017. (fol 137)

11. Rat id-dokumentazzjoni eżebiti mis-soċjeta' rikorrenti fil-15 ta' Marzu 2018. (fol 162)

12. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tas-soċjeta' rikorrenti u tal-intimat ippreżentati quddiem il-Perit Tekniku u inseriti fil-proċeduri odjerni fis-26 ta' Ġunju 2018 u 9 ta' Ottubru 2018 rispettivament.

13. Rat illi fit-23 ta' Awissu 2019, gie ppreżentat ir-Rapport Peritali tal-Perit Marie Louise Caruana Galea illi ġie minnha maħluf fl-1 ta' Ottubru 2019. (fol 212)

14. Rat id-domandi in eskussjoni tas-soċjeta' rikorrenti magħmula fit-3 ta' Diċembru 2019 (fol 398), illi għalihom il-Perit Tekniku rrispondiet fid-9 ta' Jannar 2020. (fol 401)

15. Rat id-domandi in eskussjoni ta' l-intimat magħmula fit-3 ta' Diċembru 2019 (fol 399), illi għalihom l-Perit Tekniku rrispondiet fid-9 ta' Jannar 2020. (fol 403)

16. Rat illi fil-5 ta' Frar 2020 il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub.

17. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tas-soċjeta' rikorrenti ippreżentati fit-12 ta' Ġunju 2020.

18. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-intimat ippreżentati fis-7 ta' Lulju 2020.

19. Rat illi fit-8 ta' Lulju 2020, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

Ikkunsidrat

20. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi s-soċjeta' rikorrenti hija soċjeta' illi timporta u tbiegħ materjal tal-bini kif ukoll tipprovdi servizzi bħala "turn-key" kuntrattur lill-terzi.

21. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimat jaħdem fil-qasam tal-kostruzzjoni u bini, w jagħmel xogħolijiet ta' appalt f'dana il-qasam.

22. Jirriżulta illi s-soċjeta’ rikorrenti biegħet prodotti u materjal lill-intimat kif ukoll qabbdet lill-intimat varji appalti illi hija kienu jiffurmaw minn proġetti illi huma kienu qed jiġġestixxu.

23. Jirriżulta, mument minnhom, illi kien hemm bilanċ pretiż mis-soċjeta rikorrenti għall-merkanzija minnha pprovduta lill-intimat u mhux imħallsin filwaqt illi kien hemm bilanċ pretiż mill-intimat għal varji appalti reżi lis-soċjeta’ rikorrenti u mhux imħallsa, liema bilanċi wasslu għall-diżgwid bejn il-partijiet.

24. Jirriżulta illi, eventwalment, is-soċjeta’ rikorrenti nediet il-proċeduri odjerni sabiex titħallas tal-merkanzija minnha mibjugħa filwaqt illi, sussegwentement, l-intimat intavola kontro talba għal ħlas minnu pretiż tal-appalti mogħtija lilu mis-soċjeta’ rikorrenti u mhux imħallsa.

25. Jirriżulta illi, in vista tan-natura teknika tal-fatti, l-Qorti appuntat lill-Perit Arkitett Marie Louise Caruana Galea sabiex tisma’ x-xhieda u tirrelata dwar il-każ.

26. Jirriżulta illi il-Perit Tekniku ppreżentat rapport dettaljat tal-pendenzi bejn il-partijiet u wasslet għall-konklużjonijiet tagħha, liema konklużjonijiet kienu soġġetti għal domandi in eskussjoni miż-żewġ partijiet ukoll.

27. Jirriżulta illi, fir-rapport tagħha, l-Perit Tekniku indikat il-punti in kontestazzjoni kif ġej:-

1. Illi mit-talba, kontro-talba u l-eċċezzjonijiet il-kawża hija mibnija fuq żewġ punti:

a. It-talbiet tar-rikorrenti *ossia:* il-ħlas ta’ €22,785.76c oltre l-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv minħabba prodotti mixtrija mill-konvenut minn għandha,
b. il-kontro-talba *ossia* l-ħlas ta’ €25,389.30 dovuta mis-soċjeta’ attriċi lill-konvenut li tikkomprendi l-ħlas li l-konvenut kellu jirċievi fuq l-erba’ proġetti.

2. Illi fuq l-ewwel punt Dione Zahra eċċepixxa, fl-eċċezzjoni numru 2, li s-soċjeta’ attriċi kellha tħallsu EUR26,451.30c fir-rigward tal-proġetti hemm imsemmija u eċċepixxa għaldaqstant ukoll li s-somma ridotta ta' EUR22,785.76 (li talbet is-soċjeta’ attriċi) għandha tiġi paċuta (*set-off*) mal-ammont li s-soċjeta’ attriċi għandha tagħti lilu, filwaqt li s-soċjeta’ attriċi tiġi li għandha tħallas lilu l-bilanc li jifdal.

3. **Illi għaldaqstant fuq punt numru 1(a) supra, l-intimat għad jikkonferma li hemm bilanċ ta’ EUR22,785.76 dovut minnu lis-soċjeta’ attriċi iżda din għandha tiġi paċuta bil-bilanċ dovut lilu mill-attur (punt 2 supra).**

4. Illi fuq it-tieni punt, għalkemm l-attur qed jaqbel li hemm ħlas pendenti fuq xogħol ta’ appalt mogħti minnu lill-intimat, m’hemmx qbil fuq l-ammont pendenti għax skont ir-rikorrenti ‘*huwa manifestament esaġerat’* u, skont l-attur, meta jinħadmu l-figuri, dawn juru ‘*li huwa l-intimat rikonvenzjonant li għandu jħallas lis-soċjeta’ eċċipjenti u mhux vice-versa’*.

5. **Illi għaldaqstant il-punti elevati mill-ġbir tal-provi f'din ir-relazzjoni ser ikunu marbuta ma' punt 1(b) supra *ossia* mal-bilanċ tal-appalt tax-xogħlijiet li wettaq l-intimat biex konsegwentement il-bilanċ pendenti u lil min dovut dan il-bilanċ jiġi stabbilit.**

6. Illi waqt il-ġbir tal-provi ġie ddikjarat fit-tieni seduta minn Dr. Jacques Farrugia is-*segwenti:*

   *'kelli nikkonferma jekk s-soċjeta' rikorrenti hijiex qed tikkontesta jekk is-Sur Dione Zahra effettivament wettaqx ix-xogħol kollu inkarigat lilu jew le. F'dan ir-rigward Dr. Farrugia għas-soċjeta' rikorrenti jirrileva illi l-kontestazzjonijiet tas-soċjeta' rikonvenzjonata m'humiex dwar jekk Dione Zahra eżegwiex ix-xogħol inkarigat lilu jew le għalkemm hemm xogħol illi allega li għamel u li qatt ma ġie ikkuntrattat lilu mill-istess soċjeta' rikonvenzjonata'.*

7. Illi waqt ix-xhieda ġie allegat li s-soċjeta' attriċi sofriet danni minħabba l-konvenut u l-allegat dewmien u ħsarat oħra. Fin-nota tas-sottomissjonijiet tal-intimat, Dr. Portelli isostni li '*l-unika dejn li hija dehrilha li għandha tiġbor mingħand il-konvenut kien fil-fatt is-somma ta' €22,785.76c li għalihom biss fetħet il-kawża,'* iżid jgħid ukoll li '*u l-anqas fl-eċċezzjonijiet li hija ressqet għall-kontro talba ma' hemm l-iċken ħjiel ta' riferenza għall-allegati danni'.*

8. **Illi sew il-kwistjoni ta' jekk Dione Zahra eżegwix ix-xogħol kollu inkarigat lilu jew le kif ukoll il-kwistjoni ta' allegat danni minħabba dewmien u ħsarat, dawn m'humiex parti mit-talba tal-attur jew mill-eċċezzjonijiet tal-kontro-talba u għalhekk l-esponenti mhux ser tidħol fil-mertu ta' dawn.**

28. Jirriżulta illi, dwar il-punti in kontestazzjoni, il-Perit Tekniku, wara illi evalwat ix-xhieda u provi prodotti, għamel is-segwenti sinteżi:

*F'dan l-istadju jokkorri li jiġi sommarjament imfisser ix-xenarju fattwali li jsawwar din il-kawża. Dan jista' jiġi konċiżament deskritt hekk:*

1. *Illi qabel l-eżekuzzjoni ta' dawn l-erba' proġetti, li huma l-iskola primarja tas-Siġġiewi, proġett tal-Magħtab, Wasteserv, proġett ta' dar residenzjali ta' Sean Muscat ġewwa tas-Sliema u l-proġett tal-Oncology, ma sar l-ebda kuntratt bejn il-'kuntrattur' (r-rikorrenti) u is-'sub-kuntrattur' (l-intimat), li hija kruċjali u l-punto di partenza qabel ma jseħħ ix-xogħol. Dan il-kuntratt huwa l-qafas ta' ftehim bejn żewġ entitajiet fejn jiġu ndirizzati punti tekniċi, punti finanzjarji u struzzjonijiet vitali bħal ma huma fuq iż-żmien biex isir il-proġett, id-data ta' meta għandu jibda, il-penali jekk ma jitlestix fi żmien stipulat fil-kuntratt u affarijiet oħra simili.*

2. *Il-parti teknika hija waħda ta' importanza kbira għax fiha jiġi deskritt il-kwalita' mistenni mix-xogħol, x'tip ta' materjali għandhom jintużaw, quality assurance u affarijiet oħra simili.*

3. *Illi l-parti finanzjarja hija kruċjali wkoll biex wieħed jevita diżgwid meta jsir il-kejl tax-xogħol u ċertifikazzjoni mill-perit jew min ikun qed jissorvelja x-xogħol. Dan id-dokument huwa il-Bills of Quantities (BOQ) fejn jitniżżlu l-items tax-xogħlijiet, kwantitajiet u r-rati. Ladarba ż-żewġ partijiet jaqblu fuq il-kontenut ta' dan id-dokument, dan isir l-unika dokument ta' referenza meta jkun qed jitkejjel ix-xogħol u jinħarġu l-kontijiet tal-ħlas.*

4. *Illi hija prassi fix-xogħol ta' kostruzzjoni u finitura, li jekk matul l-eżitu tax-xogħol jinqala xi 'extra works' jew 'variations' dawn għandhom jiġu awtorizzati qabel ma jseħħ ix-xogħol. Dan ifisser li l-persuna li tkun qed tagħmel ix-xogħol jew rappreżentant tagħha, jitlob bil-miktub lill-klijent jew rappreżentant tiegħu biex dan jagħtih l-awtorizzazzjoni biex ikompli bix-xogħol. Jekk ix-xogħol ma jkunx awtorizzat allura l-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħol ma għandux dritt isaqsi għall-ħlas tiegħu.*

5. *Illi dak li wassal għal din il-kawża huwa proprju minħabba n-nuqqas ta' kuntratt hekk kif deskritt f'para 1 sa 4 supra. Waqt ix-xhieda kien hemm referenza għal kuntratt minn naħa tal-attur imma dan qatt ma ġie ippreżentat. L-attur ippreżenta fl-atti dokument Dok CGZ wara li ngħalqu il-ġbir ta' provi imma dan mhux kuntratt ta' xogħol jew xi tip ta' qbil bejn il-partijiet.*

6. *Illi fin-nuqqas ta' dan il-kuntratt, l-esponenti kellha tibbaża l-konklużjonijiet tagħha fuq id-dokumenti fl-atti, ix-xhieda u n-noti tas-sottomissjonijiet.*

7. *Illi sew il-kwistjoni ta' jekk Dione Zahra eżegwiex ix-xogħol kollu inkarigat lilu jew le kif ukoll il-kwistjoni ta' allegat danni minħabba dewmien u ħsarat, dawn m'humiex parti mit-talba tal-attur jew mill-eċċezzjonijiet tal-kontro talba u għalhekk l-esponenti mhux ser tidħol fil-mertu ta' dan.*

8. *Illi fuq dawk l-items tad-dar ta' tas-Sliema li ma kienx hemm qbil fuqhom u li huma msemmijin f'D1 (a) (fol 19) ta' din ir-relazzjoni, dan inħadem kont mill-esponenti u qed jiġi anness bħala Dok P1. L-ammont ta' dawn l-items huwa ta' €3,052.94 (inc VAT).*

9. *Illi fuq il-proġett tal-Wasteserv Magħtab l-items li ma kienx hemm qbil fuqu kienu s-segwenti:*
    a. *Items relatati maż-żebgħa tal-ħitan tal-bricks (Item 2 fol. 33, item 2 u 4 fol. 35, item 3 fol. 36, item 2 fol. 37);*
    b. *Item 5 fol. 35 : Hire of cherry picker due to unaccessible areas;*
    c. *Item 2 fol. 36: Pointing of Joints of PC Slabs with GR 1000 pre mixed proprietry material.*

10. *Illi fuq il-kwistjoni taż-żebgħa (para 9(a) supra), l-argument huwa jekk ingħatawx żewġ passati jew tlieta, għax la din tiħi stabbilita l-kwistjoni tar-rata tissolva b'mod awtomatiku peress li l-ftehim kien ta' €0.50c il-passata.*

11. *Illi għalkemm ma sarx stock take ta' x'kien qed jasal fuq is-sit waqt ix-xogħlijiet, l-attur kien wissa lill-intimat biex iħalli l-bramel vojti fil-container li kien ipprovda fuq is-sit. L-intimat naqas li jagħmel dan allavolja kien fl-interess tiegħu li jagħmel hekk sew biex jaċċerta li l-ħaddiema tiegħu kienu verament qed jużaw iż-żebgħa fuq il-post u anki bħala prova tiegħu lejn il-Project Manager jew l-attur li ż-żebgħa ntużat fuq dak is-sit. Ma kien hemm l-ebda ġustifikazzjoni għalfejn din it-talba ma setgħatx tiġi segwita minn naħa tal-intimat.* ***Għaldaqstant fl-opinjoni tal-esponenti l-kalkoli li saru mill-attur huma korretti u għandhom jiġu applikati. (f'Dok AVF1 f'Dok P3 anness).***

12. *Illi l-kwantita' taż-żebgħa hekk mitluba mill-intimat f'Dok D (fol. 33-37) u Dok DZX1 (Dok P3 anness) jammontaw għal 9,538.6sqm mentri dak tal-attur f'Dok AVF1 (Dok P3 anness) jammonta għal 9274.91sqm (8874.91+400) sqm. Peress li din id-differenza ma ġietx ikkontestatata fix-xhieda jew fin-nota tas-sottomissjonijiet, l-esponenti qed taħdem il-kalkoli tagħha fuq il-kwantita ta' 9,538.6sqm hekk kif imressaq mill-intimat.*

13. *Illi għalhekk l-esponenti taħdem il-valur relatat ma' 'Application only of 3 coats paint to rendered walls' b'dan il-mod: l-ammont ta' 9,538.6sqm jinqasam fi tnejn, dak fejn intuża l-primer u r-rimanenti fejn intużaw żewġ passati biss, (9138.6sqm * €1/sqm) + (400sqm*€1.5/sqm) li jirriżulta b'total ta' €11,491.54 (inc VAT). Minn din għandha titnaqqas il-valur ta' €1001(inc VAT) li huwa ż-żebgħa li ma ntużatx fuq is-sit (Dok AVF1 f'Dok P3 anness item 1.1). Dan jirriżulta b'ammont ta' €10,490.54 (inc VAT).*

14. *Illi skont Dok D (fol. 33-39) u Dok DZX1 (Dok P3 anness), l-ammont dovut għal item 'Application only of 3 coats paint to rendered walls' huwa ta' €17,370.82 (inc VAT).*

15. *Illi hemm żball matematiku f'item 3 Dok D fol 36 għax flok ir-rata ta' €1.50 ġiet applikata r-rata ta' €1.80 u għalhekk trid titnaqqas is-somma ta' €487.5 (inc VAT) mis-somma finali rikjesta mill-intimat ta' €8,746.82 (Dok D fol. 32).*

16. *Illi fl-opinjoni tal-esponenti, fl-assenza ta' kuntratt tax-xogħol, l-awtorizzazzjoni bil-miktub tac-cherry picker kien neċessarju qabel ma ċie wżat. Skont l-attur ma kien hemm l-ebda awtorizzazzjoni mogħti minn naħa tiegħu u skont l-intimat kien bil-fomm. Għaldaqstant l-ammont ta' €306.8 (inc VAT) (Dok D fol. 35 item 5) għandu jitnaqqas mis-somma finali rikjesta mill-intimat ta' €8,746.82 (Dok D fol. 32).*

17. *IlIi fuq l-item 'Pointing of Joints of PC Slabs with GR 1000 pre mixed proprietry material' (Dok D fol. 36) l-esponenti tikkonkludi mill-kalkoli tagħha li dan ġie mkejjel*

*mal-item numru 1.3 f'Dok AVF1 (Dok P3 anness) il-kalkoli tal-attur fuq il-proġett tal-Magħtab. Item 1.3 huwa 'Rendering of walls with cement sand finish to receive paint' u jinkorpora item 1 fol. 33, item 1 fol. 35, item 1 fol. 36, item 1 fol. 37 ta' Dok D kif ukoll items f'Dok DZX1 (Dok P3 anness) li huma item 3 fol. 2, item 3 fol. 3, item 4 fol. 5. Meta tgħodd dawn l-items, l-ammont jiġi 5756.34sqm mentri dak imniżżel f'dok AVF1 (Dok P3 anness) huwa 5998.65sqm li hija differenza ta' 242.2sqm li tiġi taqbel mal-kwantita' 'Pointing of Joints of PC Slabs with GR 1000 pre mixed proprietry material' (Dok D fol. 36). Dan ifisser li l-attur kien diġa' aċċetta dan l-ammont għax huwa imniżżel fil-kalkoli tiegħu f'Dok AVF1 (Dok P3 anness). Għaldaqstant dan l-ammont, hekk kif imniżżel f'Dok D item 2 fol. 36 għandu jiġi mħallas mill-attur.*

29. Rat illi, eventwalment, wara illi l-Perit Arkitett ħadet konjizzjoni tal-fatti kollha li għamlet il-konsiderazzjonjiet fuq imsemmija, hija wasslet għas-segwenti konklużjonijiet:

1. *Illi fuq it-talbiet tar-rikorrenti ossia: il-ħlas ta' €22,785.76c oltre l-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv, l-intimat jikkonferma li hemm bilanċ ta' EUR 22,785.76 dovut minnu lis-soċjeta' attriċi iżda din għandha tiġi paċuta bil-bilanċ dovut lilu mill-attur.*

2. *Illi fuq il-kontro talba tal-intimat tal-ħlas ta' €25,389.30 mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut kellu jirċievi fuq l-erba' proġetti, dan ser jiġi evalwat għal kull proġett:*

   a. ***Ammont dovut ta' EUR326. 13 (fol. 97) għall-proġett tal-iskola primarja tas-Siġġiewi. Dan hemm qbil miż-żewġ partijiet.***

   b. ***Ammont dovut ta' EUR7,391.92c għall-proġett tal-bini tal-Oncology. Dan hemm qbil miż-żewġ partijiet.***

   c. *Illi fuq il-proġett tad-dar tas-Sliema, minn Dok P1 anness jirriżulta li l-items li ma hemmx qbil fuqhom, skont il-kalkoli tal-esponenti jammontaw għas-somma ta' €3052.94 (inc VAT).*

   d. *Illi fuq il-proġett tad-dar tas-Sliema, l-istess items imniżżlin f'Dok E (fol. 38-42), jammontaw għas-somma ta' €3,948.92 (inc VAT), li tfisser differenza ta' €896 (inc VAT).*

   e. *Illi fuq il-proġett tad-dar tas-Sliema, l-ammont ta' €896 (inc VAT) għandu jitnaqqas min dak mitlub ta' €8,924.83 (fol. 98) u* ***għalhekk l-ammont finali dovut fuq il-proġett ta' Tas-Sliema huwa ta' €8,029.***

f. *Illi fuq il-proġett tal-Wasteserv Magħtab jirriżulta li l-items taż-żebgħa hekk kif ikkalkulata mill-esponenti jammonta għas-somma ta' €10,490.54 (inc VAT) hekk kif spjegat fil-kunsiderazzjonijiet para 13 supra.*

g. *Illi fuq il-proġett tal-Wasteserv Magħtab dawn l-istess items jammontaw għas-somma ta' €17,370.82 (inc VAT), f'Dok E (fol. 38-42) u għalhekk id-differenza ta' €6880.28 għandu jitnaqqas mill-valur ta' €8,746.82 (Dok D fol. 32).*

h. *Illi fuq il-proġett tal-Wasteserv Magħtab instab żball matematiku ta' €487.5 (inc VAT) hekk kif spjegat f'para 15 supra u dan għandu jitnaqqas mill-valur ta' €8,746.82 (Dok D fol. 32).*

i. *Illi fuq il-proġett tal-Wasteserv Magħtab l-ammont ta' €306.8 (inc VAT) (Dok D fol. 35 item 5) dovut għall-użu ta' cherry picker għandu jitnaqqas mis-somma finali ta' €8,746.82 (Dok D fol. 32).*

j. ***<u>Illi għalhekk l-ammont finali dovut fuq il-proġett tal-Wasteserv Magħtab huwa ta' €1,072.</u>***

3. *Illi għalhekk l-ammont dovut li għandu jitħallas mill-attur lill-intimat huwa ta' €16,819.*

4. *Illi l-ammont dovut li għandu jitħallas mill-intimat lill-attur huwa ta' €22,785.76.*

5. *Illi tenut kont tat-tpaċija bejn il-krediti rispettivi tal-partijiet, l-intimat għandu jħallas lill-attur l-ammont ta' €5,967.*

30. Jirriżulta illi għalkemm il-partijiet, it-tnejn ikkontestaw il-konkluzjonijiet Peritali permezz ta' domandi in eskussjoni, il-Perit Teniku kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha in toto.

31. Jirriżulta illi, minn studju akkurat tad-dokumentazzjoni kollha pprovduti mill-partijiet kif ukoll ix-xhieda miġbura quddiem il-Perit Tekniku w is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, illi l-vertenza ta' bejn il-partijiet kienet waħda purament teknika, li għaliha pprovdiet abbilment il-Perit Tekniku mqabbda minn dina l-Qorti, w il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex għandha, b'xi mod, tvarja il-konklużjonijiet milħuqa mill-Perit Tekniku, għal parti deċiżorja tal-konklużjonijiet dwar min u kif għandu jħallas lil min.

32. Jirriżulta, għalhekk, illi:

a. Għal dak illi jirrigwarda t-talba tas-soċjeta' rikorrenti, is-somma ta' **<u>tnejn u għoxrin elf, sebgħa mija u ħamsa u tmenin Euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€22,785.76c)</u>**, kif ridott mis-soċjeta' rikorrenti, hija dovuta mill-intimat lis-soċjeta' rikorrenti.

b. Għal dak illi jirrigwarda t-talba tar-rikorrent, is-somma ta' **sittax-il elf, tmien mija u dsatax-il Euro (€16,819)** hija dovuta lill-intimat mis-soċjeta' rikorrenti, u dana għall-varji appalti mogħtija, kif ġej:

   i. Għall-proġett tal-iskola primarja tas-Siġġiewi l-ammont ta' tlett mija sitta u għoxrin Euro u tlettax-il ċenteżmu (€326.13) huwa dovut.
   ii. Għall-proġett tal-bini tal-Oncology, l-ammont ta' sebat elef, tlett mija u wieħed u disgħin Euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€7,391.92c) huwa dovut.
   iii. Għall-proġett ta' Tas-Sliema, l-ammont ta' tmint elef, u disgħa u għoxrin Euro (€8,029) huwa dovut.
   iv. Għall-proġett Tal-Wasteserv Magħtab l-ammont ta' elf, tnejn u sebgħin Euro (€1,072) huwa dovut.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda,

Wara illi rat ir-rapport peritali u r-risposti għad-domandi in eskussjoni,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet illi saru bil-miktub,

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

Għal dak illi jirrigwarda t-talba tas-soċjeta rikorrenti **Vella Falzon Building Supplies Limited**,

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat filwaqt illi;

**Tiċħad** it-tieni u tielet eccezzjoni, u

**Tilqa'** t-talba tas-soċjeta kif ridotta u għalhekk;

**Tiddikjara** lilll-intimat, Dione Zahra, debitur tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' tnejn u għoxrin elf, sebgħa mija u ħamsa u tmenin Euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€22,785.76c), u

**Tikkundanna** lill-intimat Dione Zahra iħallas lis-soċjeta' rikorrenti is-somma ta' **tnejn u għoxrin elf, sebgħa mija u ħamsa u tmenin Euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€22,785.76c), bl-imgħax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv**.

Għal dak illi jirrigwarda t-talba rikonvenzjonali ta' l-intimat **Dione Zahra:**

**Tiċħad** l-ewwel erbgħa eċċezzjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti filwaqt illi;

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ħames talba;

**Tilqa'** t-talba ta' l-intimat rikonvenzjonant, kif ridotta, u għalhekk;

**Tiddikjara** lis-soċjeta' rikorrenti, Vella Falzon Building Supplies Limited, debitriċi ta' l-intimat fis-somma ta' sittax-il elf, tmien mija u dsatax-il Euro (€16,819), u dana kif aħjar deskritt aktar 'l fuq, u

**Tikkundanna** lis-soċjeta' rikorrenti, Vella Falzon Building Supplies Limited, tħallas lill-intimat **is-somma ta' sittax-il elf, tmien mija u dsatax-il Euro (€16,819) bl-imgħax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv**.

Kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha b'dan illi l-ispejjeż peritali għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**